

In-Numri

S.Scicluna

tlieta

Għandi tlieta

għax ngħid għandi *ħamsa.*

Wara t-tlieta mmur nixtri

għax ngħid wara l-*ħamsa*
mmur nixtri.

tliet

Kelli tliet ħutiet

għax ngħid *ħames* ħutiet.

Fl-iskola hemm *tliet* klassijiet

għax ngħid *ħames* klassijiet.

tlett

Għandi tlett ħbieb
għax ngħid għandi *ħamest* ħbieb.

Xtrajt tlett iġdur
għax ngħid xtrajt *ħamest* iġdur.

Ara tafx tikteb dawn:

1. Xtrajt 3 _____ iġdur.
2. Biex dħalt kellimt 3 _____ pulizija.
3. Fit-3 _____ naqbad u nitlaq.
4 Bdejt nilgħab il-futbol meta kelli biss 3 _____ snin.
5. Fir-razzett għandu 3 _____ iħmir.
6. L-ajruplan itir fit-3 _____.
7. Għat-torta għandek bżonn 3 _____ bajdiet.

Issa ara għamilthomx tajbin.

1. Xtrajt 3 tlett iġdur.
2. Biex dħalt kellimt 3 tliet pulizija.
3. Fit-3 tlieta naqbad u nitlaq.
4 Bdejt nilgħab il-futbol meta kelli biss 3 tliet snin.
5. Fir-razzett għandu 3 tlett iħmir.
6. L-ajruplan itir fit-3 tlieta.
7. Għat-torta għandek bżonn 3 tliet bajdiet.

5	ħamsa	ħames	ħamest
4	erbgħa	erba’	erbat
7	sebgħa	seba’	sebat
9	disgħa	disa’	disat

Ara tafx tikteb dawn:

1. Għandi 4 _____ iklieb.
2. Fit-9 _____ rrid nitlaq.
3. Ġbart 7 _____ tazzi.
4. Dik il-mara għandha 9 _____ itfal.
5. Żort 4 _____ pajjiżi.
6. Ħsilt 9 _____ xugamani.

Issa ara għamilthomx tajjeb.

1. Għandi 4 erbat iklieb.
2. Fit-9 disgħa rrid nitlaq.
3. Ġbart 7 seba’ tazzi.
4. Dik il-mara għandha 9 disat itfal.
5. Żort 4 erba’ pajjiżi.
6. Ħsilt 9 disa’ xugamani.

In-numru 8

Nikteb <u>tmienja</u> meta ngħid <u>ħamsa</u>

- **It-tmienja** (il-ħamsa) li huma ħarġu għajjenin wara l-eżami.
- **Fit-tmienja** (fil-ħamsa) tal-lejla oħti titlaq għal vjaġġ twil.

In-numru 8

Nikteb <u>tmien</u>
meta ngħid <u>ħames</u>

- Ili <u>tmien</u> (ħames) xhur nistenna pakkett minn Londra.

- Ħija hu dak li ġie t-<u>tmien</u> (l-ħames) wieħed fil-maratona.

In-numru 8

Nikteb tmint meta ngħid ħamest

- Xtrajt tmint (ħamest)ifniek biex insajjarhom nhar il-Ħadd.
- Għall-ħarġa ġew tmint (ħamest) ibniet